MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 14/2012

**Nicholas Cutajar**

**Vs**

**Mark Portelli personalment kif ukoll bhala Chairman u in rapprezentanza ta' l-Awtorita' Dwar Portijiet Hielsa u tal-Malta Freeport Coroporation Limited**

**Din is-sentenza titratta l-ewwel zewg eccezzjonijiet *tal-intimati li jaqraw hekk*[1]:-**

[1] Twegiba prezentata fit-22 ta' Marzu 2012 (fol. 8).

*1. Preliminarjament, illi l-intimat Mark Portelli personalment ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi kawza kostituzzjonali tista ssir biss kontra l-Gvern jew organu tieghu.*

2. *Preliminarjament ukoll, illi l-proceduri odjerni huma nulli u vessatorji billi ma gewx ezawriti l-proceduri ordinarji; fil-fatt, jidher illi din il-kawza u t-talbiet kif dedotti fiha, huma ta' natura civili u ghalhekk kompetenza tal-qrati ordinarji ordinarji u mhux ta' natura kostituzzjonali*.

Permezz ta' rikors prezentat fis-6 ta' Marzu 2012 ir-rikorrent ppremetta li:-

Kien impjegat mal-Malta Freeport Authority bhala Manager. Fis-sena 2006 il-grad ta' Senior Manager kien vakant, u bi dritt l-esponent kellu jinghata l-kariga minhabba l-esperjenza li kellu.

Madankollu certu Ernest Tonna, dak iz-zmien Manager fl-istess Awtorita', holoq akkuza serja fuq ir-rikorrent billi akkuzah li pprokura dokumenti foloz biex jinhazen materjal perikoluz u, li kieku ma kienx ghall-intervent tal-Ufficcjal inkarigat mis-Sigurta' fil-Freeport, dan kien jikkawza hsarat kbar b'dannu ghall-Awtorita.

Inbdiet investigazzjoni, li sussegwentement irrizulta li kienet falza.

Ir-rikorrent ghamel kwerela u talab li jittiehdu passi kriminali kontra Tonna fuq ingurja u malafama. Kellu wkoll il-hsieb li jaghmel kawza civili kontra Tonna.

Meta bdiet tittiehed azzjoni mill-pulizija, ic-Chairman tal-Awtorita', l-intimat Portelli, heddu, irrikattah u b'abbuz ta' poter, ghamel pressjoni fuq ir-rikorrent biex jirtira l-kaz kontra Tonna.

Ir-rikorrent zamm il-posizzjoni, u c-Chairman ordna li jinbdew proceduri dixxiplinari sabiex ir-rikorrent jitkecca. Inoltre, minghajr ebda sejha interna ghall-applikazzjonijiet kif suppost kellu jsir, ic-Chairman qabad u appunta lil

Ernest Tonna Senior Manager filwaqt li r-rikorrent spicca subaltern ta’ Tonna.

Minhaba l-agir tac-Chairman, ir-rikorrent ma kellux mod iehor x’jaghmel hlief li ma jomplix jinsisti bl-azzjoni permezz tal-pulizija, u ghalhekk abbanduna l-azzjoni civili.

Minn dak iz-zmien ir-rikorrent sakemm irtira fl-10 ta’ Novembru 2011, ir-rikorrent baqa’ jigi ssoggettat ghall-vendikazzjonijiet, ingustizzji ripetuti u vittimizazzjoni kontinwa.

B ‘rizultat tal-agir tac-Chairman u l-ingurja li saret lir-rikorrent, gie mtellef milli jiehu l-promozzjoni ghall-kariga ta’ Senior Manager, li kellu dritt ghaliha.

Meta rtira bl-eta’ saret rezistenza qawwija biex ma jinghatax it-Termination Bonus. Iktar tard tali hlas gie kkundizzjonat li jiffirma dikjarazzjoni li m’ghad ghandu l-ebda pretensjoni kontra l-Awtorita’. Din id-darba rrifjuta li jcedi ghar-rikatt u ghazel li jaghmel kawza kostituzzjonali. Uhud minn dawk li spiccaw l-impjieg ircevew dan il-bonus bla diffikulta’, u pagamenti fuq bazi personali.

L-agir tac-Chairman tal-Awtorita’ li jikkonsisti f’sofferenza jew tbatija gravi mentali bazata fuq diskriminazzjoni, jammonta ghal reat kriminali kif kontemplat fl-Artikolu 139A(d) tal-Kodici Kriminali.

L-agir tac-Chairman jammonta wkoll ghall-trattament inuman u degradanti (Artikolu 3 tal-Konvenzjoni), u diskriminatorju (Aritkolu 14 tal-Konvenzjoni u Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni).

L-agir tac-Chairman jivvjola wkoll id-dritt tar-rikorrent ghall-liberta ta’ espressjoni garanti bl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni, u d-dritt ghar-reputazzjoni tajba. Dan peress li r-rikorrent gie mgieghel jissospendi jew iwaqqaf il-kwerela kriminali taht minaccja li ser jitkecca mix-xoghol.

Ghalhekk ir-rikorrent jitlob lill-qorti:-

1. Tiddikjara li l-intimati kisru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent hawn fuq imsemmija, jigifieri l-Artikoli 3, 10 u 14 tal-Konvenzjoni (Kap. 319) u l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.
2. Tordna l-hlas tat-Termination Bonus.
3. Tordna lill-Awtorita’ tatih il-kariga ta’ Senior Manager b’effett mill-1 ta’ Lulju 2006 u tordna l-hlas ta’ dak kollu dovut fl-imsemmija kariga sad-data tal-irtirar mill-impjieg.
4. Tillikwida l-kumpens xieraq li ghandu jithallas ghall-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali.
5. Tikkundanna lill-intimati biex ihallsuh is-somma hekk likwidata.

Fil-qosor l-fatti kif rakkontati fir-rikors promotur huma:-

i. Ir-rikorrent kien impjegat bhala Manager mal-Malta Freeport.
ii. Fl-2006 kellu jimtela l-grad ta’ Senior Manager.
iii. Manager iehor, Ernest Tonna, kien akkuza lir-rikorrent mas-superjuri tieghu li kien ipprokura dokumenti foloz biex jinhazen materjal perikoluz.
iv. Saret investigazzjoni u rrizulta li l-akkuza kienet falza.
v. Ir-rikorrent ghamel kwerela kontra Tonna ghall-malafama u ngurja.
vi. Meta bdew il-proceduri, Mark Portelli bhala Chairman tal-Freeport kien irrikattaha u heddu li ghamillu pressjoni biex jirtira r-rapport kontra Tonna. Pero’ r-rikorrenti zamm il-posizzjoni tieghu.
vii. Ic-Chairman tal-Freeport kien ordna li jinbdew proceduri dixxiplinarji kontra r-rikorrent sabiex jigi tterminat l-impjieg tieghu. Inoltre, c-Chairman ma ghamilx sejha interna u qabad u hatar lil Ernest Tonna bhala Senior Manager.
viii. Fic-cirkostanzi r-rikorrent rrinunzja ghall-proceduri kontra Tonna.
ix. Ir-rikorrent irtira bl-eta fl-10 ta’ Novembru 2011 u baqa’ jigi assoggettat ghal vendikazzjonijiet, ingustizzji ripetuti u vittimazzjonijiet.
x. L-agir illegali tac-Chairman wassal sabiex ir-rikorrent ma nghatax il-promozzjoni, meta hu kien senior ta’ Tonna.

xi. Mat-terminazzjoni tal-impjieg ma nghatax it-Termination Bonus ghaliex il-principal riedu jiffirma dikjarazzjoni li m'ghad ghandu l-ebda pretensjoni kontra l-Malta Freeport. Pero r-rikorrent irrifjuta li jiffirma r-rikors.
xii. Impjegati ohra nghataw it-termination bonus.

Ir-rikorrent jilmenta minn:-

i. Trattament inuman u degradanti (Artikolu 3 tal-Konvenzjoni).
ii. Diskriminazzjoni (Artikolu 14 tal-Konvenzjoni u 45 tal-Kostituzzjoni).
iii. Vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrent ghall-liberta ta' espressjoni (Artikolu 10 tal-Konvenzjoni).

**Mark Portelli m'huwiex legittimu kontradittur ghaliex kawza ta' din ix-xorta tista' ssir biss kontra l-istat jew organu tieghu.**

Ir-rikorrent qieghed jilmenta li Mark Portelli, bl-allegat agir tieghu, kiser d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif protetti mill-Artikolu 3, 14 u 10 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

Normalment f'kawzi ta' din ix-xorta l-ilment ikun ta' individwu kontra l-Istat li:-

i. vvjola d-drittijiet tieghu, ghaliex agent tal-Istat ghamel xi haga hazina (Ezempju ufficjal tal-pulizija li cahad persuna mil-liberta bla ebda raguni).
ii. Indirettament ivvjola id-drittijiet, ghaliex terza persuna, per ezempju, invada l-privatezza tal-individwu. L-ilment f'dawn it-tip ta' kazijiet ma jkunx li t-terz ikkommetta att ta' illegalita', izda li l-Istat m'ghandux ligi li taghmel l-att illegali jew li tipprovdi rimedju lil kull min isofri pregudizzju minhabba tali att.

Hemm imbaghad il-kuncett ta' ***Drittwirkung***, fejn wahda mill-fehmiet hi li:-

*"...the possibility for an individual to enforce his fundamental rights against another individual. Advocates*

*of the the latter view therefore consider that Drittwirkung of human rights is present only if an individual in his legal relations with other individuals is able to enforce the observance of the law concerning human rights via some procedure or other.”*.

Id-duttrina taghmel distinzjoni *“between direct and indirect horizontal effect appears simple. If there is direct horizontal effect, an individual (A) can bring a private law claim against another private individual (B) on the ground that that B has unjustifiably interfered with A’s rights, as set out in the relevant constitution or convention on fundamental rights. The violation of the fundamental right is itself a sufficient condition for A to have a cause of action against B. In contrast, for indirect horizontal effect, no such claim is available. A must argue instead that B has broken a private law obligation owed to A, but that claim is buttressed by the further argument that the content of that obligation should be determined in a way that is compatible with applicable fundamental rights. In both cases, the fundamental rights are applicable to the dispute between the parties, but only in the former do they create the claim.”*[2].

Proceduri quddiem il-Qorti ta’ Strasbourg ghall-vjolazzjoni ta’ drittijiet fundamentali jistghu isiru biss kontra Stat (ara Artikolu 34 tal-Kovenzjoni).

Fil-kawza **Carmelo Buttigieg vs Albert Mizzi nomine**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fid-9 ta’ Ottubru 1989, osservat fir-rigward:-

i. **Tal-Kostituzzjoni** – li l-Artikolu 32 qieghed jipprovdi *“....l-protezzjoni li ghandu jaghti l-Istat f’din il-materja ta’ drittijiet fundamentali, izda ma taghmel ebda distinzjoni dwar il-kaz fejn dritt fundamentali jigi vvjolat mill-Istat jew minn individwu. Kwindi ma jistax jigi eskluz a priori li l-Istat qieghed jaghti dik il-protezzjoni mhux biss meta dritt fundamentali jigi vvjolat mill-Istat izda anke fejn*

[2] *On the (In)compatibility of Human Rights discourse and Private Law*, Hugh Collins (London School of Economics and Political Science) pagna 16.

*jista' jigi vvjolat minn individwu li ghalhekk ghandha tinghata azzjoni ghall-protezzjoni ta' dritt fundamentali mhux biss meta dak id-dritt fundamentali ikun qed jigi vvjolat mill-Istat izda anke minn individwu, fejn il-kliem tal-Kostituzzjoni jidher li jistghu jigu hekk ivvjolati; Kif taraha l-Qorti, kollox jiddependi mit-termini uzati fid-diversi disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni rigwardanti d-drittijiet fundamentali."*. Ghalhekk il-konkluzjoni tal-qorti kienet li *"....f'certi kazijiet drittijiet fundamentali jistghu jezistu wkoll fil-konfront ta' individwu u ghalhekk l-istess jistghu jigu salvagwardati. Kollox jiddependi mit-termini uzati mill-Kostituzzjoni. Is-soluzzjoni tal-kwistjoni wiehed ghandu jsibha fil-kliem uzati mill-istess Kostituzzjoni meta kkontemplat seriatim id-diversi drittijiet fundamentali."*. B'applikazzjoni ta' dan l-insenjament, ikkonkludiet li mehud in konsiderazzjoni l-kliem generiku tal-Artikolu 36[3] tal-Kostituzzjoni ma jistax jigi eskluz trattament degradanti minn persuna, sija fizika jew morali. F'dan ir-rigward issir ukoll riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Anthony Mifsud vs Supretendent Carmelo Bonello et** tat-18 ta' Settembru 2009, fejn pero' jidher li l-Qorti applikat dan il-principju:-

*"Din il-Qorti tara li **f'kazijiet hekk serji** ta' tortura jew trattament inuman, ebda persuna f'kariga ufficjali, ma tista' tinheba wara l-Istat jew tecepixxi difiza ta' "superior orders", u **dak li jwettaq dan l-agir ghandu hu personalment iwiegeb anke f'kamp kostituzzjonali ghal ghemil tieghu.** Huma l-persuni "entrusted with a public form of authority" li ghandhom jwiegbu ghall-oltragg li huma wettqu lejn il-Kostituzzjoni, meta dan hu permess mill-kliem tal-istess Kostituzzjoni, u ghal dan l-oltragg ghandhom jerfghu r-responsabbilta` relattiva, inkluz dik tal-hlas tal-kumpens pekunjarju lill-vittma. Ghalhekk dan l-ewwel aggravju ta' natura preliminari qieghed jigi respint."* (enfazi tal-qorti).

ii. **Tal-Konvenzjoni** – esprimiet il-fehma li ilmenti bazati fuq il-Konvenzjoni jistghu jkunu ndirizzati biss

---

[3] *"Hadd ma ghandu jigi assoggettat ghal piena jew trattament inuman jew degradanti."*.

kontra l-Istat. Il-qorti osservat li *"L-iskop ta' l-Att XIV ta' l-1987 ghalhekk huwa li l-artikoli sostantivi tal-Konvenzjoni Ewropeja jsiru u jkunu ezegwibbli bhala parti mil-ligi taghna u fil-fatt l-artikolu 3(1) ta' l-Att ta' ta' l-1987 jiddisponi espressament li "id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet fundamentali ghandhom isiru u jkunu ezegwibbli bhala parti mil-Ligi ta' Malta."*. Il-qorti osservat: *"Issa jekk wiehed jezamina d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropeja, wiehed jinduna ma' l-ewwel li l-azzjoni hija ezercitata biss kontra xi wiehed mill-High Contracting Parties (i.e. l-Istat) u mhux kontra persuna (ara art. 24 u 25). Il-Konvenzjoni Ewropeja qieghda taghti lill-individwu d-dritt li jagixxi kontra l-Istat tieghu li huma kkontemplati fil-Konvenzjoni Ewropeja u mhux id-dritt li jagixxi kontra persuna;*

*Billi, kif jidher minn dak li ntqal hawn fuq, l-intenzjoni tal-legislatur taghna meta ppromulga l-Att XIV ta' l-1987 kienet li jikkonferixxi lil kull min qieghed f'dan il-pajjiz l-istess drittijiet u libertajiet li taghti l-Konvenzjoni Ewropeja, wiehed ghandu jikkonkludi li dawn id-drittijiet u libertajiet maghmula parti mil-ligi taghna u hemm trasportati en bloc huma ezercitabbli (bhal fil-kaz tal-Konvenzjoni Ewropeja) unikament kontra l-Istat.*

*Interpretazzjoni ohra tkun tfisser li l-legislatur ikun qed jikkonferixxi drittijiet aktar minn dawk ikkontemplati fil-Konvenzjoni Ewropeja, haga li certament ma kinetx fl-intenzjoni tieghu. Interpretazzjoni ohra tkun tfisser ukoll li jkun hemm kontradizzjoni fis-sens li filwaqt li taht l-Att XIV ta' l-1987 l-artikoli sostantivi tal-Konvenzjoni Ewropeja jkunu ezegwibbli hawn Malta wkoll kontra persuna, dak l-istess drittijiet, fil-kaz ta' l-ezercizzju tad-drittijiet tal-petizzjoni individwali.... ma jkunux ezegwibbli hawn Malta kontra persuna izda unikament konra l-Istat."*.

Din il-qorti tosserva li:-

i. L-ghan tal-Kap. 319 hu:- *"To make provision for the* ***<u>substantive Articles</u> of the European Convention for the Protection of Human Rights and***

***Fundamental Freedoms**, to become and be, enforceable as, part of the Laws of Malta."*.

ii. L-Artikolu 3 jipprovdi li "*d-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali"* ghandhom isiru u jkunu esegwibbli bhala parti mil-Ligi ta' Malta. Skond l-Artikolu 2 dawn id-drittijiet jinkludu d-dritttijiet elenkati fl-Artikolu 2 u 18 (inkluzi) tal-Konvenzjoni u Artikolu 1 u 3 tal-Ewwel Protokoll. Gialadarba l-qrati jridu japplikaw il-ligi, bhala principju ghandhom id-dmir li jagixxu b'mod li hu kompatibbli mal-Konvenzjoni, mhux biss fi kwistjonijiet kontra l-Istat u awtoritajiet pubblici, imma wkoll f'kazijiet bejn il-privat.

iii. L-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll jipprovdi li: *"The High Contracting Parties shall secure to everyone within their jurisdiction the rights and freedoms defined in Section I of this Convention."*. Provvediment li ma jeskludix il-vjolazzjoni ta' dritt fundamentali mill-privat.

iv. Ghalkemm l-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni jipprovdi li applikazzjoni quddiem il-Qorti tista' ssir minn individwu *"...claiming to be the victim of a **violation by one of the High Contracting Parties** of the rights set forth in the Convention"*[4], u l-Artikolu 19 tal-Konvenzjoni jipprovdi li *"to ensure the observance of the engagements undertaken by the High Contracting Parties in the Convention and the protocols thereto, there shall be set up a European Court of Human Rights, hereinafter referred to as the 'the Court'."*, dawn il-provvedimenti m'humiex parti mil-ligi Maltija.

v. Ghalkemm wiehed japprezza li l-ghan originali tal-Konvenzjoni kien biex joffri protezzjoni kontra gvernijiet oppressivi, illum il-gurnata tezisti kultura gdida fejn *"the citizen can legitimately expect that his human rights will be respected by his neighbours as well as by his government."*[5].

---

[4] *Ghalhekk ir-riferenza ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea. F'dan il-kuntest ara paragrafu 5 tan-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentaw l-intimati.*

[5] *H.W.R. Wade, 'Horizons of Horizontality, 2000 The Law Quarterly Review, p. 217*

Min-naha l-ohra l-ligi privata tradizzjonalment tissalvagwardja diskrezzjoni wiesgha ghad-dritt tal-ghazla tal-individwu. Ir-rispett ghall-liberta' u l-privatezza tal-individwu hi ta' importanza kardinali fl-isfera tad-dritt privat. Ghalhekk l-applikazzjoni diretta ta' drittijiet kostituzzjonali ghall-privat jista' ma jkunx floku, ghaliex jimponi tip ta' agir li jitqies oppressiv ghall-individwu[6]. Hekk per ezempju l-privat jista' jaghzel per ezempju li ma jixtrix oggetti jew servizzi minghand persuna li ghandha certu twemmin religjuz. Jekk il-gvern kellu jirrejagixxi ghal din it-tip ta' sitwazzjoni, isib ruhu fil-periklu li jigi kkundannat li qieghed jindahal mad-dritt ta' liberta' tar-religjon. Certament li b'daqshekk ma jfissirx li m'hemmx limitu. Hekk per ezempju hi l-legislazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, bhal per ezempju negozji f'transazzjonijiet li jaghmlu mal-pubbliku ma jistghux jiddiskriminaw a bazi ta' sess u razza. L-istess japplika fil-kaz tal-impjiegi u diskriminazzjoni mill-principali. Hu bil-ghan li jigi prizervat il-principju tal-awtonomija privata u l-indipendenza tal-ligi privata, li l-kuncett l-iktar addottat jidher li hu *"indirect horizontal effect"*; *"In contrast to direct horizontal effect, in this case a claim or defence is based on a provision in the Civil Code, which is not automatically overriden by the constitutional right in question, but only interpreted in the light thereof."*[7].

F'dan il-kuntest bhala kuncett jidher li fil-kaz ta':-

i. ***Direct horizontal effect***, individwu jista' jaghmel il-kawza minhabba li individwu iehor kisirlu d-dritt fundamentali. Il-vjolazzjoni tad-dritt fundamentali hi fiha nnifisha sufficjenti biex taghti lok ghall-kawza.

ii. ***Indirect horizontal effect***, l-individwu sabiex iressaq l-ilment jrid jargumenta li l-parti l-ohra kisret obbligazzjoni li tohrog mid-dritt privat, u l-pretensjoni hi

---

[6] *"Accordingly, the idea of direct horizontal effect implies that a private party has, in his action against another private party, a claim or a defence which is directly based on a constitutional right which overrides an otherwise applicable rule of private law."* (Olha O. Cherednychenko, Utrecht Law Review, *Fundamental Rights and private law: A relationship of subordination or complementarity ?* Vol. 3, Issue 2 (December) 2007 http.//utrecthlawreview.org.

[7] Pagna 5 tal-Artiklu ta' O.O. Cherednychenko.

msahha b'argument li l-obbligazzjoni ghandha tigi nterpretata b'tali mod li hu kompatibbli mad-drittijiet fundamentali.

Meqjus l-awtonomija tal-privat din il-qorti tippreferi t-tieni kuncett, fejn id-drittijiet fundamentali m'humiex il-bazi tal-pretensjoni izda jinghata effett indirett fil-proceduri bazati fuq il-ligi privata. Ezempju fejn dan isehh hu kawzi ta' libelli, fejn l-Istat m'huwiex parti ghall-proceduri, il-qrati lokali ripetutament ghamlu riferenza ghad-dritt tal-liberta ta' espressjoni garantit taht l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea (ara per ezempju sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Anglu Fenech proprio et nomine vs Carmelo Callus et** tal-4 ta' Frar 1994)[8].

Il-qorti ma tarax diffikulta li f'kawzi bejn il-privat jigu nvokati provvedimenti mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Umani, li wara kollox bl-Att XIV tal-1987, illum Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, partijiet sostanzjali minnha saru parti mill-ordinament Malti. Dan ifisser li l-qrati jkunu qeghdin iqiesu il-provvedimenti meta jkollhom quddiemhom kwistjonijiet ta' natura privata. F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-kaz fl-ismijiet **Pla and Puncernau v Andorra** deciz fit-13 ta' Lulju 2004 fejn il-Qorti ta' Strasbourg osservat:-

*"1. Admittedly, the Court is not in theory required to settle disputes of a purely private nature. That being said, in exercising the European supervision incumbent on it, it cannot remain passive where a national court's interpretation of a legal act, be it a testamentary disposition, a private contract, a public document, a statutory provision or an administrative practice appears*

[8] Fil-kaz Ingliz *Campbell v MGN Ltd* (2004) f'kawza bazata fuq tort minhabba breach of confidence, il-Qorti osservat:- "*The time has come to recognise that the values enshrined in articles 8 and 10 are now part of the cause of action for breach of confidence. As Lord Woolf CJ has said, the courts have been able to achieve this result by absorbing the rights protected by articles 8 and 10 into this cause of action: A v B plc [2003] QB 195, 202, para 4. Further, it should now be recognised that for this purpose these values are of general application. The values embodied in articles 8 and 10 are as much applicable in disputes between individuals or between an individual and a non-governmental body such as a newspaper as they are in disputes between individuals and a public authority.".*

*unreasonable, arbitrary or, as in the present case, blatantly inconsistent with the prohibition of discrimination established by Article 14 and more broadly with the principles underlying the Convention (see Larkos v.Cyprus [GC], no. 29515/95, §§30-31, ECHR 1999-I).".*

Pero' meqjus dak li nghad hawn fuq mhux f'kawza kostituzzjonali.

**<u>Ezawriment ta' rimedji ordinarji</u>**.

Ir-regola hi li proceduri bhal dan il-kaz m'ghandhomx jigu proposti fejn ir-rikorrent ikollu rimedju iehor ghall-ilment taht xi ligi ordinarja ohra.

Fis-sentenza **Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine** deciza fis-7 ta' Marzu 1994, il-Qorti Kostituzzjonali osservat li:-

*"Meta huwa car li hemm mezzi ordninarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati."*.

Fil-kaz **Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Frar 2003, inghad:-

*"Il-fatt li ghemil jew nuqqas partikolari jkun jikser dritt fondamentali ma jfissirx necessarjament li l-uniku rimedju effettiv huwa dak "kostituzzjonali" wara procedura skond is-subartikoli (1) jew (3) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew id-disposizzjonijiet analogi tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319. Kieku kien hekk, il-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 kienu jkunu superfluwi jew addirittura bla sens. In fatti dana l-proviso addirittura jippostula ksur tad-drittijiet fondamentali ("…ghall-ksur allegat…") izda li minkejja dan "…mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli skond xi ligi…ohra…" favur il-vittma".*".

Mir-rikors promotur hu evidenti li b'dawn il-proceduri r-rikorrent qieghed ifittex biex:-

i. Jinghata t-*Termination Bonus* li jsostni li hu intitolat ghalih, minkejja li l-intimati qalu li ma jezisti l-ebda dritt simili fil-ligi u lanqas fil-kuntratt ta' impjieg.
ii. Jigi dikjarat li l-kariga ta' Senior Manager kellha tinghata lilu bi dritt u jinghata l-arretrati ta' dak li kien intitolat ghalih kieku inghata l-kariga.
iii. Jithallas danni minhabba l-agir tac-Chairman. Rajna kif ir-rikorrent qieghed jallega li dan l-ufficjal heddu u irrikattah. Sahanistra invoka wkoll l-Artikolu 139A tal-Kodici Kriminali u jsostni li l-agir tal-intimat jesponih ghall-proceduri kriminali. Agir li jekk hu minnu jissarraf fi ksur tal-ligijiet ordinarji tal-pajjiz.

Il-qorti m'ghandix dubju li jezisti rimedju civili ghal dawn l-ilmenti tar-rikorrent. Hekk per ezempju f'kaz ta' ksur ta' ligi, il-vittma ghandu kull jedd li jfittex ghad-danni taht il-provvedimenti li ghandna fil-Kodici Civili li jitrattaw *"Id-Delitti u Kwazi Delitti"*. Fejn impjegat irid jikkontesta promozzjoni li tkun inghatat lill-kollega tieghu ghaliex isostni li kellu jinghata l-opportunita' li jikkonkorri ghal tali promozzjoni jew li l-promozzjoni kellha tinghata lilu, jezisti rimedju civili. L-istess fejn jallega li kien hemm diskriminazzjoni fl-ghoti ta' promozzjoni (ara l-Att dwar l-Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali – Kap. 452).

Dan kollu qieghed jinghad bla pregudizzju dwar jekk l-ilmenti li ghamel ir-rikorrent jinkwadrawx ruhhom fil-provvedimenti tal-Konvenzjoni. Hekk per ezempju r-rikorrent jilmenta minn diskriminazzjoni u jsostni li kien hemm ksur:-

(a) tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni:-

*"The enjoyment of the rights and freedoms set forth in this Convention shall be secured without discrimination on any ground such as sex, race, colour, language, religion, political or other opinion, national or social origin, association with a national minority, property, birth or other status."*.

Madankollu:

i. Jonqos milli jsemmi ma' liema provvediment tal-Konvenzjoni qieghed jabbina l-ilment ta' diskriminazzjoni. Fl-istess hin min-nota ulterjuri li pprezenta fit-12 ta' Lulju 2012, jidher li qieghed jeskludi li dan kien kaz ta' diskriminazzjoni politika.
ii. Ma jaghti l-ebda taghrif dwar ir-raguni ('*ground*') tal-allegata diskriminazzjoni[9].

(b) tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, izda ma jsemmix ir-raguni tal-allegata diskriminazzjoni. Mil-provvediment hu evidenti li l-Kostituzzjoni tikkontempla diskriminazzjoni f'kaz ta' trattament differenti *"......attribwibbli ghal kollox jew principalment ghad-deskrizzjoni taghhom rispettiva skond ir-razza, post ta' origini, opinjonijiet politici, kulur, fidi jew sess......"*.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi billi:-**

**1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni u tillibera lil Mark Portelli mill-osservanza tal-gudizzju.**
**2. Tilqa' t-tieni eccezzjoni u tillibera lill-intimati l-ohra mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Spejjez a karigu tar-rikorrenti**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[9] *"In the Kjeldsen, Busk Madsen and Pedersen case, the Strasbourg Court established that to fall with the concept 'other status', the difference in treatment had to be based on a personal characteristic by which persons or groups of persons are distinguishable from each other." (Jacobs, White, & Ovey, The European Convention on Human Rights, Robin C A White u Clare Ovey (Hames edizzjoni), Oxford pagna 556.*